MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 22/2010

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Lulju 2005 kif jindika ic-certifikat anness bhala Dokument "A";

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg gie miksub bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza' Art. 19 (1) (a) Kap. 255;

Illi l-kunsens kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg Art. 19 (1) (d) Kap. 255. L-attrici, sa ftit qabel iz-zwieg kienet ser thassar. Tul l-gherusija hi kienet telqet lill-konvenut xi tlett darbiet u fis-sena taz-zwieg kienet ser thassar u ma ghamlitx dan ghax kien hemm kollox preparat u bezghet, anzi hassitha kostretta li tizzewweg. Hi kienet taf li ma setghetx tghix mal-konvenut bil-karattru li kellu. Sforz l-immaturita' taghha, hi baqghet tispera li hu kien ser jinbidel. Dan iz-zwieg dam biss erba' snin u mill-ewwel beda bil-problemi. Huma damu gharajjes erba' snin u anke dawk l-erba' snin kienu mimlija problemi. L-attrici kellha karattru dghajjef, fil-waqt li l-konvenut kellu karattru dominanti. L-attrici kienet taccetta kwazi b'biza' dak kollu li kien jghid il-konvenut.

Illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-att taz-zwieg Art. 19 (1) (f) Kap. 255. L-attrici kienet uriet u riedet li minkejja z-zwieg, il-partijiet ma kellhomx ikollhom tfal minhabba li bezghet li t-tfal ikunu bhalu.

Illi wahda mill-partijiet rabtet il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur Art. 19 (1) (g) Kap. 255;

Illi l-attrici, ghalkemm mhux interdetta jew marida b'mohhha, ma kellhiex, fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg Art. 19 (1) (h) Kap. 255. Il-konvenut kien dominanti fuq l-attrici li kienet prattikament taccetta dak kollu li kien jiddeciedi hu.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Lulju 2005 huwa null ai termini tal-Art. 19 (1) (a), (d), (f), (g) u (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut huwa ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C D, li in forza taghha, eccepixxa:

Illi huwa jaqbel li z-zwieg tieghu mar-rikorrenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghar-ragunijiet indikati fir-rikors guramentat b’dan izda li dawn ir-ragunijiet huma kollha imputabbli lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Rat l-affidavit.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, fejn instemghu xhieda viva voce.

Rat id-dokumenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lid-difensuri jitrattaw il-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f’din il-kawza zzewgu wara gherusija ta’ erba’ snin. Ir-rikorrenti kellha 24 sena u l-intimat 28 sena. Damu flimkien xi erba’ snin. Tfal ma twieldux. Issa r-rikorrenti qed titlob dikjarazzjoni ta’ nullita’ a tenur tal-Art. 19 (1) (a), (d), (f) u (g).

“*F’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabbilta’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi*

*kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju*", ("**Anna Tonna vs Alexander Tonna**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

Jirrizulta mill-provi prodotti li r-rikorrenti kienet influenzata hafna mill-genituri taghha u li kienet toqghod ghar-rieda taghhom. Meta, qabel ma zzewget, uriet ix-xewqa taghha li thassar minn mal-gharus, dawn ipperswadewha li tkompli ghaddejja bil-preparamenti ghat-tieg.

Ommha tixhed hekk:

"*Qabel iz-zwieg, ezatt meta kellna kollox lest, A qaltli li ma riditx tkompli biz-zwieg minhabba l-agir ta' C u l-piki tieghu. Peress li kellna kollox ibbukkjat, jien ghidtilha "allura issa! Issa tard" ghax kont nahseb li dik it-tensjoni tal-preparamenti taz-zwieg u allura pperswadejtha biex tizzewweg.*"

Missierha jikkonferma:

"*Anke waqt il-preparamenti taz-zwieg, A riedet thassar u ahna konna inkwetati. Peress illi ommha kienet tghidilha illi wara z-zwieg, C kien ser jinbidel, A kienet tispicca taccetta u terga' tirranga mieghu.*"

L-influenza kbira li l-omm kellha fuq ir-rikorrenti hija konfermata ukoll mill-provi prodotti mill-konvenut.

B'referenza ghall-provvediment tal-Art. 19 (1) (a) inghad illi:

"*Skond il-ligi civili taghna biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li din tahkem fuq persuna ragjonevoli u ggeghelha tibza' li hija nfisha jew*

*hwejjigha jistghu jigu mqeghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira (Artikolu 978 (1) Kodici Civili). Fi kliem iehor il-"pressjoni" jew "vjolenza" – hekk ekwipollenti ghal xulxin galadarba jista' jkollok vjolenza meta jkun hemm pressjoni gravi u ndebita ("***Emanuel Falzon -vs- Anthony Farrugia***", Appell, 21 ta' April 1997) – hemm bzonn li jkunu determinanti, ingusti u gravi. Fil-valutazzjoni, imbaghad, tal-kriterji tal-vjolenza ghandhom jigu mehuda in konsiderazzjoni l-eta', is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna (Artikolu 978(2))*", ("**Denise Borg vs Christopher Borg**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-21 ta' Ottubru, 2002).

"*Oltre la deliberazione richiesta perche' un atto sia veramente atto humanus, l'atto di consentire deve essere anche un atto libero. Con cio' si vuol affermare che il consenso matrimoniale deve essere espresso-manifestato liberamente, cioe' senza coercizione o altra sorta di costrizione o pressione dall'interno della stessa persona o dall'esterno. Venendo a mancare questa liberta', il consenso e' viziato a norma dei diversi canoni, vale a dire, secondo la natura della coercizione, che puo' provenire da cause "personali" oppure da cause "esterne". Questo intervento, pero', anche se e' sempre indiretto, puo' avvenire "forzando" in alcuna maniera la volonta' del soggetto che patisce la pressione. E' per questo che il consenso deve essere libero*", (**J.F. Castano, "Il Sacramento del Matrimonio",** 2° ediz. 1992 pagna 119).

Imbaghad ikompli hekk:

"*Cio` che specifica il timore reverenziale e` la natura del male per liberarsi dal quale una persona e` costretta a scegliere il matrimonio. Il male imminente o probabile che essa intende evitare non e` costituito solo dal pericolo di perdere l'eredita', l'affetto, il lavoro, di essere cacciato fuori di casa, di essere esposta all'infamia se si tratta di ragazza ma anche il solo fatto di procurare ai suoi genitori o familiari o superiori, per la mancata adesione alla loro volonta', "dispiacere" o "indignazione". Il dispiacere o l'indignazione possono essere espressi in vari modi per esempio con un volto costantemente addolorato o severo,*

*con una atmosfera familiare di silenzio, di freddezza, con uno stillicido continuo di rimproveri, di minacce, di suppliche, d'insistenza importune. Di per se', queste manifestazioni esterne, anche se pressanti, non costituiscono un male grave, pero' lo possono essere nella situazione concreta, divenuta impossibile. Per porre fine a questa situazione, la persona che ne e` vittima, si arrende alla volonta' altrui accettando le nozze come unica strada di uscita, con una scelta senza piena autonomia*", (**J.F. Castano, "Il Sacramento del Matrimonio"**, ibid pagna 398).

Fid-dawl tal-fuq espost, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-kunsens li tat ghaz-zwieg ma kienx fil-fatt liberu.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Lulju 2005 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------